# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 24 ta' Frar 2017**

**Kawza Numru : 6**

**Rikors Numru : 1113/2015/JPG**

**Fenech Oil and Petroleum Company Limited**

**VS**

**MIB Holding Ltd**

## Il-Qorti :

Rat ir-rikors guramentat ta' Fenech Oil and Petroleum Company Limited C2612, datata 24 ta' Novembru 2015, vide fol 1 et seq, jaqra hekk:

> *1. Peress illi l-attur kien inkariga lil-konvenut sabiex isib assikuraturi biex jassigurawlu il-barge Marsaxlokk' (propjeta tal-attur) taht polza ta' 'Hull & Machinery" u taht polza ta' Cargo.*

*2. Peress illi l-konvenut accetta dan l-inkarigu u fil-fatt wara varji trattativi informali l-attur li kien sab assikuraturi li assikuraw lill-attur fil polza rikjesti, tant illi l-attur hallas il-premiums relativi u rikjesti b'effett ta' cover mid-9 ta' Ottubru 1984; Peress illi sussegwentement il-barge Marsaxlokk' ghereq u garrab hsara kif ukoll ghamel hsara u telf ghat-taghbija li kellu (konsistenti fi 'gasoil");*

*3. Peress illi meta wara li grat id-disgrazja, l-attur informa lill-konvenut dwar l-istess u ippresenta t-talba tieghu ta' risarciment, gie informat illi il-poloz fill-fatt ma kienux mahruga u esistenti fl-intier taghhom kif mitluba, miftiehma u mhallsa izda li kien hemm polza biss ghall-cover ta' 70% tal-cover totali rikiesta peress illi ghalhekk meta gie biex jirkupra it-telf tieghu l-attur sab ruhu skopert.*

*4. Peress illi ghalhekk l-attur sofra danni, liema danni gew kagonati minhabba nuqqas negligenti u kolpevoli da parte tal-konvenut u bi ksur tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti.*

*5. Peress li l-attur ddeduca dina l-pretensjoni tieghu in gudizzju bic-citazzjoni numru 590/1987 f'l-ismijiet "Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Ltd. Vs Albert Mizzi u Joe Curmi bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' MIB Holding Ltd (successuri ta' Mediterranean Insurance Brokers Ltd.)"*

*6. Peress il-process tal-imsemmia kawza numru 590/1987 f' l-ismijiet fuq imsemmija intilef mir-registru u wara diversi seduti il-Qorti iddecidiet b'decizjoni tad-29 ta' Ottubru, 2015 li dak l-process ma kellux jigi rikostruwit u ghalhekk f'l-assenza tal-process iddecidiet li tastjeni milli tiehu ulterjuri konjizzjoni tal-kaz;*

*7. Peress li l-attur ghandu interess li l-pretensjonijiet tieghu fuq imsemmija ga dedotti in gudizzju b'citazzjoni numru 590/1987, jigu mismugha u decizi u ghalhekk ghall kull kwon fini salv l-esitu ta' proceduri minnhu intentati fir-*

*rigward qieghed jerga jiddeduci dawk l-istess pretensjonijiet in gudizzju biex jigu finalment decizi minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Jghid l-Intimati ghallhekk ghaliex din il-Qorti ma' ghandiex:*

*i) Tiddikjara il-konvenut responsabbli li negligentement u kolpevolment bil hitja tieghu u bi ksur tal-ftehim li sar bejn il-kontendenti naqas milli jottjeni il-hrug taz-zewg poloz fuq imsemmija.*

*ii) Tiddikjara il-konvenut ghalhekk responsabbli ghad-dannit sofferti mill-attur li issa baghta danni u ma jistax jottjeni r-risarciment tad-danni;*

*iii)Tillikwida d-danni hekk sofferti;*

*iv) Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati, inkluzi l-imghax fuq l-istess;*

*Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Ottubru 1984 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi

Rat ir-Risposta Guramentat tas-socjeta' Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited (C-3540) gia MIB Holding Ltd, datat 29 ta' Frar 2016, vide fol 12 et seq, li taqra hekk;

*1. Preliminarjament jigi rilevat illi MIB Holding Ltd illum jisimha Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited u ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni opportuna.*

*2. Preliminarjament ukoll, il-lis alibi pendens in kwantu l-istess pretensjonijiet u l-istess talbiet diga' saru mill-istess attur fil-kawza fl-ismijiet "Michael Fenech bhala direttur ghan-nom u in rappreżentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Ltd. Vs Albert Mizzi u Joe Curmi bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' MIB Holding Ltd (successuri) ta' Mediterranean Insurance Brokers Ltd. (Citazzjoni Numru 590/1987 LSO)" deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta b'sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015 u llum pendenti fil-Qorti tal-Appell.*

*3. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, l-azzjoni attrici hija perenta skond l-Artikolu 543 tal-Kodici tal-Kummerc u f'kull kaz preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.*

*4. Illi f'kull kaz ukoll it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez. Mhux minnu li l-eccepjenti kienet b'xi mod negligenti jew kolpevoli fil-konfront ta' l-attrici jew li b'xi kisret xi ftehim maghha.*

*5. Illi sussidjarjament, u minghajr pregudizzju, kieku ghall-grazzja tal-argument il-poloz kienu fis-sehh r-riskju kopert fl-interita' tieghu, xorta wahda s-socjeta' attrici ma kienx jirnexxielha tottjeni r-rizarciment pretiz u dan minhabba l-fatti suspettuzi li taw lok ghall-incident, kif ukoll minhabba l-klawsoli ta' ezoneru.*

*6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, anke minhabba li din il-kawza qed issir aktar minn 31 sena minn meta sehh l-allegat incident.*

Semghet ix-xhieda bil gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

Il-kwistjoni li ghandha quddiema din il-Qorti hija l-eccezzjoni ta' lis alibi pendens sollevata mis-societa intimata. Il-kontendenti ma gabu ebda prova ulterjuri ghajr ghall-atti odjerni u l-atti annessi cioe Citazz numru 590/1987. Jirrizulta minn dawn l-ahhar atti processwali li s-societa' attrici kienet intavolat kawza fis-27 ta' Lulju 1987 fl-ismijiet Micheal Fenech nomine vs Albert Mizzi et nomine, Citazz 590/1987 illi illum tinsab quddiem il-Qorti tal-Appell.

Jirrizulta mis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015 fil-process 590/1987/1 illi ghal diversi ragunijiet elenkati fl-istess sentenza, inklus, telf tal-atti processwali ghal snien konsiderevoli, n-nuqqas ta' dokumenti originali, nuqqas ta' riferti u nuqqas ta' interess da parti tas-societa' attrici, flimkien ma trapass esagerat ta' zmien, dik il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kas[1].

Minn din is-sentenza gie intavolat appell li ghadu pendenti.

Is-societa' attrici fit-trattazzjoni orali u fin-nota taghhom tal-25 ta' Novembru 2016, tat retroxena breve ta' kas fejn, wara t-telfin tal-process 590/1987, is-societa attrici ipprezentat l-atti kollha li kellha f'idejha biex il-process jigi rikostitwit izda l-parti l-ohra sollevat diversi oggezzjonijiet fis-sens li l-kas ma setghatx "jitmexxa l-quddiem u ma setghahx jigi deciz".[2]

Kienet f'dan l-isfond illi dik il-Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kas. In segwita ta' din id-decizzjoni, l-attur intavola appell u pprezenta l-kawza odjerna. Is-societa rikorrenti rrebbadiet li jekk l-appell tieghu ma jintlaqax "ma jistghax jinghad li hemm *lis alibi pendens*". Di piu' s-societa' attrici sostniet illi permezz ta' Art 905 Kap 12 il-parti li tkun cediet jew irtirat kawza minghajr rinunzja ghall-meritu, tista terga

[1] Vide fol 784-791 tal-atti 590/1987/1 annessi mal-kas odjern.
[2] Vide ibid fol 36 nota tar-rikorrenti

tipprezenta il-kawza. In oltre l-Artikolu 2132 tal-Kodici Civili jiddisponi li fejn l-attur jkun baghta minn liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, jista jerga jibda l-kawza fi zmien xahar u b'hekk tigi sostnuta l-interuzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni. Kien sabiex jigu protetti d-drittijiet kollha tas-socjeta' attrici illi gie ntavolat appell mis-sentenza tad-29 t'Ottubru, 2015 u fl-istess waqt gew intavolati il-proceduri odjerni.

**Ikkonsidrat:**

L-eccezzjoni ta' *lis alibi pendens* tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi ghaddejin fl-istess waqt quddiem il-Qrati li jkollhom l-istess meritu.[3]

L-eccezzjoni ta' lis alibi pendens hija bazata fuq l-artikolu 792 tal-Kap 12 li jipprovdi li:

> ***"Meta titressaq kawza quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem Qorti kompetenti ohra, l-kawza mressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dina l-Qorti l-ohra"***

Skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Crocifissa Sammut et, vs Joseph Spiteri** deciza fl-10 ta' Ottubru 2003, sabiex tirnexxi l-eccezzjoni ta' lis alibi pendens, **iridu jikkonkorru necessarjament l-elementi rekwiziti segwenti:**

1. **Li l-kawza trid tkun bejn l-istess partijiet - eadem personae;**
2. **Irid ikun hemm l-istess oggett - eadem res;**
3. **It-talbiet irid ikollhom l-istess meritu - eadem causa petendi**[4]

---

[3] Vide John Debono et vs Mario Buhagiar et deciza fil-21 ta' Jannar 2016 per Mhallef Dr. J.R.Micallef

[4] Vide wkoll Marsaxlokk Sailing Club Company Limited vs J and H Company Limited deciza 30 ta' Gunju 2004 per Mhallef Dr. G Valenzia, vide wkoll Balzan vs Argento et 1.2.90 Vol LXXIV p3 p 429; u Reznikow et vs Kotivov 24.3.94 Vol LXXVIII p3 p 170;

Huwa inkontestat illi dawn it-tlett elementi kardinali jikkonkorru fiz-zewg proceduri tant illi kif jinghad mis-societa' attrici fin-nota taghha a fol 36 ta dan il-process Rikors Numru 1113/15:

> **"ma hemm ebda kontestazzjoni li l-meritu tal-prezenti kawza hi in realta l-istess meritu tal-kawza…590/1987… pendenti quddiem l-Appell."**

Di piu essenzjalment hemm qbil anke da parti tas-societa ntimata dwar il-konkorrenza tal-elementi kostituttivi tal-eccezzjoni tal-lis alibi pendens kif jirrizulta fit-trattazzjoni u stante li kienet l-istess societa' intimata li qanqlet l-istess eccezzjoni.

Din il-Qorti pero ma strahietx fuq l-assersjonijiet tal-kontendenti izda ghamlet ezami tal-atti processwali fiz-zewg proceduri.

Minn ezami tal-atti processwali taz-zewg proceduri, u fil-mankanza tac-citazzjoni originali fil-procedura 590/1987, il-Qorti ezaminat is-sentenza tat-22 ta' April 1988[5], u is-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'dawk l-atti[6], fliema sentenzi, dawk il-Qrati jidhru li **rriproducew il-kontenut tac-citazzjoni originali**. Il-kontenut tac-citazzjoni originali kif riprodotta fis-sentenzi fuq citati giet imqabbla mar-rikors guramentat fil-kawza odjerna u l-Qorti tinsab sodisfatta li jikkonkorru t-tlett rekwiziti fuq indikati cioe, l-istess eadem personae ghaliex huwa involuti l-istess societajiet; eadem causa petendi il-ghaliex jirrizultaw l-istess kawzali; eadem res ghaliex jirrizulta l-istess oggett.

Din il-Qorti taghraf illi siccome din il-kawza hija **"il-kawza imressqa l-ahhar",** skond l-Artikolu 792 tal-Kap 12 hija din il-kawza li trid tigi mibghuta quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux vice versa.

---

[5] Vide fol 89 tal-proceduri 590/1987
[6] Vide fol 106 tal-proceduri 590/1987

Siccome kif jinghad mis-societa attrici f'paragrafu tlieta fin-nota taghha a fol 36; "**jekk l-Appell ma jintlaqax, allura ma jistghax jinghad li hemm lis alibi pendens…**[7]" u minhabba illi bhala stat ta' fatt dan l-Appell fir-realta ghadu pendenti, il-Qorti tqis li ghandha tilqa t-tieni eccezzjoni tas-societa intimata, tordna l-konnessjoni ta din il-kawza mal-kawza fl-ismijiet Michael Fenech bhala Direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Fenech Oil and Petroleum Company Limited vs Albert Mizzi u Joe Curmi bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza ta' MIB Holdings Limited (successuri ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited) Citazz Numru 590/1987, u tordna li din il-kawza (1113/15) tintbaghat quddiem il-Qorti tal-Appell.

Spejjez riservati ghall-vertenza finali.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

[7] Vide fol 36 tal-process 1113/15